FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru, 2015

Avviz nru: 475/1989 MLF

**John Vassallo u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2014 l-atti gew trasfuzi minn fuq John Vassallo ghal fuq Gerolamo sive Jimmy u Maria Nicholina sive Marie Colette ahwa Vassallo**

**Vs**

**Alfred Farrugia, bhala amministratur tal-beni Ekklesjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta, u b'digriet tat-12 ta' Settembru 1989 il-kliem** ***«amministratur tal-beni Ekklesjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta »*** **gew sostitwiti bil-kliem** ***« bhala Kap tat-Taqsima Finanzi tal-***

***Kurja Arciveskovili ta' Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici kollha ta' Malta »,***

**Maria Lourdes mart Joseph Sciberras u l-istess Joseph Sciberras fil-kwalita tieghu ta' kap tal-kommunjoni tal-akkwisti ghal kull interess li jista' jkollu, u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Frar, 2015 l-atti gew trasfuzi minn fuq Joseph Sciberras ghal fuq Nicholas, Antoinette u Maria ahwa Sciberras.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu li :

Jigi dikjarat u deciz illi r-raba' maghruf bhala 'Ta Lotlot', sive 'Tas-Salvatur', limiti Ta' Kandja, Mqabba tinsab fil-pussess tieghu b'titolu ta' qbiela minghand il-konvenut Farrugia nomine, stante li din kienet originarjament imqabbla lill-mejjet missieru Giuseppe Vassallo li b'testment tal-4 ta' Marzu, 1987 fl-atti tan-nutar Joseph Tabone halla l-istess raba' bi prelegat lill-attur ;

Jigi ordnat li kwalsiasi ricevuti ta' qbiela mahruga mill-konvenut Farrugia nomine jinhargu f'isem l-attur biss bhala prelegatarju tal-imsemmi missieru;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra tal-31 ta' Ottubru, 1988.

Il-valur lokatizzju hu ta' Lm10 fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Lourdes u Joseph konjugi Sciberras fejn eccepew:

1. Fl-ewwel lok illi jekk l-attur qieghed jippretendi li r-raba' denominat 'Ta' Lotlot', sive 'Tas-Salvatur' limiti ta' Kandja, Mqabba gie imholli lilu fit-testment ta' missieru Giuseppe Vassallo allura imissu jghamel l-apposita kawza biex hu jigi immess l-pussess ta' dan il-legat u la darba l-attur mhux qed jghamel dan, din ic-citazzjoni hija nulla u t-talbiet tieghu fiha ghandhom jigu michuda;

2. Illi fi kwalsiasi kaz din ir-raba' kienet giet minn Giuseppe Vassallo trasferita favur Maria Lourdes Sciberras u lilha assenjata bi ftehim tat-18 ta' Lulju, 1979 liema ftehim gie debitament rikonoxxut mill-Kurja u b'hekk kienu nhargu l-ircevuti relattivi.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Farrugia nomine:

Preliminarjament, fil-kwalita li fiha hu gie citat, hu ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju billi hu m'huwiex l-"Amministratur tal-Beni Ekklezjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta". L-Amministratur ta' dawn il-beni hu Monsinjur Arcisqof bid-dritt tar-rapprezentanza gudizzjarja a tenur tal-artikolu 786(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili. L-eccipjenti jagixxi u jigi mharrek *"bhala Kap Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici Djocesani kollha ta' Malta."*

2. Fil-meritu, l-eccipjent jirrimetti ruhu ghal dak li eventwalment tiddeciedi l-Qorti fuq il-provi li jitressqu quddiemha valjanti fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 2 tal-Att tal-1967 dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Att XVI) dwar min ghand min ghandha tghaddi l-kirja ta' ghalqa meta jmut il-kerrej.

Rat id-digriet tal-12 ta' Settembru 1989, din il-Qorti ordnat din il-kawza u il-kawza Avviz Numru 477/1989 fl-ismijiet "John Vassallo et v. Alfred Farruga nomine et" jinstemghu flimkien u li l-provi f'din il-kawza jghoddu wkoll ghall-kawza l-ohra.[1] In oltre fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 1995,[2] sar is-segwenti verbal: *"Il-partijiet prezenti fl-awla fil-prezenza tal-konsulenti legali jiddikjaraw li jaqblu li l-provi fil-kawzi 24 u 25 fil-lista odjerna ghandhom japplikaw u jitqiesu validi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghall-finijiet tal-istess procedura."*

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Sfortunatament din il-kawza twalet inutilment, htija in parte tal-partijiet stess li inundaw lill-Qorti b'enormita ta' xhieda u provi - sahansitra fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, meta l-istadju tal-provi kien ilu snin maghluq – u hafna minnhom huma fl-opinjoni ta' din il-Qorti irrelevanti, stante li l-kwistjonijiet li jridu jigu decizi huma fil-maggor taghhom ta' natura legali. Ghaldaqstant, anke meta din il-Qorti se taghmel elenku tal-fatti li taw lok ghal dawn il-

[1] Ara verbal a fol. 11 tal-process.
[2] Ara verbal a fol. 151 tal-process.

proceduri, hija se tillimita ruhha ghal dak li hi tqis li huwa rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjonijiet li jridu jigu decizi.

Inoltre, peress li l-kawzi nstemghu flimkien, sfortunatament, l-atti fiz-zewg processi gew imhawwda, u hemm provi fi process wiehed li huma relevanti ghall-process l-iehor, li pero ma saritx kopja taghhom fit-tieni process. Ghaldaqstant din il-Qorti se jkollha taghmel riferenza ghal provi fil-process bl-Avviz Nru 477/89, meta qed tittratta u tikkonsidra din il-kawza.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, iz-zewg partijiet ghamlu riferenza ghal provi u dokumenti li ma gewx ezebiti in atti fl-istadju tal-provi, li nghalaq snin twal ilu. Il-Qorti qed taghmilha cara li mhix se tiehu konjizzjoni ta' dawn il-provi u dokumenti, li apparti li saret riferenza ghalihom u gew ezebiti bi ksur tar-regoli tal-procedura, lanqas biss huma konfermati bil-gurament.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1, Giuseppe Vassallo, missier il-kontendenti, kien bidwi u kellu diversi raba' uhud minnhom mikrija. Wahda minnhom l-art imsejjha tas-Salvatur li kien jikri minghand il-Kurja. Huwa kellu erba' ulied li kienu jghinuh f'dan ir-raba', u l-ohra kienet soru tghix barra minn Malta.

2. Jirrizulta li ghal habta tal-1974/75, Giuseppe Vassallo iddecieda li jdawwar ir-registrazzjoni tar-raba' li kien jahdem mal-Ghammieri. Anthony Borg, *agricultural officer* fid-Dipartiment tal-Agrikultura xehed li l-art tas-Salvatur giet imdawwra minn fuq Giuseppe Vassallo ghal fuq l-attur, John Vassallo, parti fid-29 ta' Novembru 1974 u parti fis-27 ta' Frar 1975. Pero ghalkemm it-trasferiment sar fuq l-attur, fir-records tal-Ghammieri, hemm nota fis-sens li dan ir-raba' qed jinhadem minn John (l-attur), Maria Lourdes (il-

konvenuta), Consolata u Nicola, ahwa Vassallo, ulied Giuseppe. Din in-nota saret meta sar it-trasferiment.[3]

3.In forza ta' skrittura privata tat-18 ta' Lulju 1979, Giuseppe Vassallo ceda lill-konvenuta ir-raba' tas-Salvatur tal-kejl ta' circa 11241 metri kwadri ghall-prezz ta' Lm400.[4] Din l-iskrittura giet maghmula quddiem in-Nutar Antoine Agius, li ddikjara li Giuseppe Vassallo ghamel il-marka tieghu (salib) wara li l-istess nutar spjega l-kontenut tal-iskrittura u quddiem zewg xhieda, li l-konnotati taghhom jinsabu fl-istess skrittura. Dan gie konfermat ukoll bix-xhieda tan-Nutar Antoine Agius.[5]

4. Pero, minkejja dawn il-kambjamenti, l-art baqghet registrata mal-Kurja fuq Giuseppe Vassallo, sakemm miet f'Gunju 1987.[6]

5. Fl-avviz, l-attur isejjah l-art in kwistjoni *"Tal-Lotlot"* sive "Tas-Salvatur". Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li l-art "Tal-Lotlot" hija maghrufa wkoll bhala "Tas-Salvatur" jew "Tal-Barri" jew "Tal-Moxt" jew "Ta' Vivier".[7] Diversi drabi fix-xhieda taghha, il-konvenuta tghid li ir-raba' maghruf "Tal-Lotlot" u dak maghruf bhala "Tas-Salvatur" huma l-istess haga.[8] Ir-raba' kien maghruf ukoll bhala "Tal-Moxt".[9]

---

[3] Ara xhieda ta' Anthony Borg a fol. 77 u 78 tal-process.
[4] Ara Dok AA a fol. 33-34 tal-process.
[5] Ara xhieda tan-Nutar Antoine Agius a fol. 45 tal-process.
[6] Ara ircevuti ezebiti a fol. 10 tal-process.
[7] Ara xhieda tal-Attur a fol 71 tal-process tal-Avviz 477/89.
[8] Ara xhieda tal-konvenuta a fol. 36, 37 u 40 tal-process.
[9] Ara xhieda tal-konvenuta a fol. 38 tal-process.

6. Fl-ahhar testament taghhom, datat 4 ta' Marzu 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, Giuseppe Vassallo u martu Antonia Vassallo hallew b'titolu ta' legat lil binhom Giovanni l-qbiela tal-ghalqa msejha ta' Lotlot limiti ta' Kandja, Mqabba.[10] Ghalhekk jidher li dan il-prelegat li nghata lill-attur mill-genituri tieghu, huwa tal-istess raba' li l-missier Giuseppe Vassallo kien ceda lill-konvenuta bi skrittura privata fl-1979.

7. Wara l-mewt ta' missierha f'Gunju 1987, il-konvenuta talbet lill-Kurja taqleb il-qbiela tar-raba' tas-Salvatur fuqha u dan abbazi tal-iskrittura privata ta' cessjoni tat-18 ta' Lulju 1979. L-avukat tal-Kurja ta' dak iz-zmien, il-mibki Dottor Pawlu Mallia kien ta l-opinjoni li l-qbiela kellha iddur fuq il-konvenuta, u dan stante li kienu stabbilew *policy* li l-Kurja taqleb il-qbiela abbazi tal-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Qbiela tar-Raba' tal-1967 (illum Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Pero, l-attur ikkontesta din id-decizjoni u pproduca skrittura privata datata 28 ta' Dicembru 1980, fejn missieru Giuseppe Vassallo cedielu diversi raba', inkluz dak in kwistjoni. Pero din l-iskrittura la kienet iffirmata u kien fiha *finger print* u zewg slaleb, u ma ttiehditx in konsiderazzjoni minn Dottor Mallia. In vista ta' din il-kontestazzjoni, il-Kurja ddecidiet li ma tirrikonoxxi lil hadd mill-kontendenti, u ma accettatx aktar qbiela.[11]

---

[10] Ara Dok NV1 a fol 21-22 tal-process 477/89.

[11] Ara xhieda ta' Mons. Carmelo Zammit a fol. 105 *et seq.* tal-process, u xhieda ta' Dottor Pawlu Mallia a fol 53 *et seq.* tal-process tal-Avviz 477/89.

9. Din l-iskrittura tat-28 ta' Dicembru 1980 ma gietx ezebita mill-attur f'dawn il-proceduri izda giet ezebita mill-konvenuti fl-ahhar nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghha

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Eccezzjonijiet Preliminari tal-Konvenuti*

Il-konvenuta Maria Lourdes Sciberras u illum mejjet zewgha Joseph Sciberras eccepew preliminarjament li c-citazzjoni hija nulla ghax ladarba l-attur qed jippretendi l-art in kwistjoni abbazi ta' prelegat fit-testment tal-genituri taghom, allura kellu jaghmel l-apposi ta' kawza biex hu jigi immess fil-pussess ta' dan il-prelegat.

Din l-eccezzjoni, ghalkemm ta' natura preliminari, fil-kaz odjern hija intimament konnessa mal-mertu tal-kawza stante li kif diga inghad iktar il'fuq l-art li nghatat lill-attur abbazi tal-prelegat, hija l-istess art li giet trasferita lill-konvenuta Maria Lourdes Sciberras minn missierha bl-iskrittura privata tat-18 ta' Lulju 1979. Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari se tigi kkunsidrata flimkien mal-mertu tal-kawza.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu tal-konvenut Alfred Farrugia nomine eccepixxa preliminarjament, li fil-kwalita li fiha hu gie citat, hu ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju billi hu m'huwiex l-"Amministratur tal-Beni Ekklezjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta". L-Amministratur ta' dawn il-beni hu Monsinjur Arcisqof bid-dritt tar-rapprezentanza gudizzjarja a tenur tal-artikolu 786(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili. L-eccipjenti jagixxi u

jigi mharrek *"bhala Kap Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici Djocesani kollha ta' Malta."*

Fis-seduta tat-12 ta' Settembru 1989,[12] l-attur talab korrezzjoni fl-avviz, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti li b'digriet moghti fl-istess gurnata ordnat li l-kliem *«amministratur tal-beni Ekklesjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta »* jigu sostitwiti bil-kliem *« bhala Kap tat-Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici kollha ta' Malta »,* fl-Avviz u kull fejn tirrikorri. Dottor Pawlu Mallia, l-avukat difensur ta' Alfred Farrugia nomine, ta ruhu b'notifikat bl-avviz kif korrett. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni preliminari hija llum survolata.

*<u>Il-Meritu</u>*

Ghalkemm, ma ngibux provi direttament fuq din il-kwistjoni, meta miet Giuseppe Vassallo, missier il-kontendenti, ir-raba' *de quo* kien fil-perjodu ta' rilokazzjoni tar-raba'. Ghalhekk dan mhux kaz ta' kirja li kienet qed tiddekorri fit-terminu originali taghha. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li Dottor Pawlu Mallia xehed li l-Kurja kienu stabbilew *policy* li taqleb il-qbiela abbazi tal-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Qbiela tar-Raba' tal-1967 (illum Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta), u anke in vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Alfred Farrugia nomine.

---

[12] Ara fol. 11 tal-process.

Il-kerrej originali tar-raba' in kwistjoni kien Giuseppe Vassallo u l-ircevuti baqghu johorgu fuqu sakemm miet f'Gunju 1987. Il-fatt li xi rcevuti, ghalkemm inhargu fuq Giuseppe Vassallo inhargu bl-indirizz tal-attur huwa rrelevanti, ghax il-Kurja dejjem irrikonoxxiet lil Giuseppe Vassallo, bhala l-kerrej.[13]

Ghalhekk, il-kwistjoni odjerna trid tigi rizolta abbazi tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 199, li hija ligi specjali, in partikolari ghab-bazi tad-definizzjonijiet tal-kelma "kerrej" jew "cessjonarju tal-kirja" fl-Artikolu 2.

L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 jippreskrivi illi t-terminu *"kerrej" "tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej;"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ta' massima rilevanza ghall-interpretazzjoni ta' din id-definizzjoni hija imbaghad, it-tifsira tal-espressjoni *"membru tal-familja"* li jaghti l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199. Talli espressjoni hi mfissra bhala li tinkludi *"axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg tal-kerrej."* Huwa pacifiku bejn il-

[13] Ara xhieda ta' Dottor Pawlu Mallia a fol. 56 tal-process bl-Avviz 477/89

kontendenti li l-attur u l-konvenuta Maria Lourdes Sciberras huma t-tnejn ulied il-kerrej originali Giuseppe Vassallo.

Imbaghad it-terminu *"cessjonarju tal-kirja", "tinkludi sub-konduttur u, meta ma jkun hemm la persuna li lilha tkun giet ceduta l-kirja u l-anqas subkonduttur, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej, u "cessjoni" ghandha tiftiehem skond hekk".*

Il-Qrati taghna irritenew illi ghal fini ta' din id-definizzjoni, sabiex ikun hemm cessjoni tal-kirja irid ikun hemm cessjoni tad-drittijiet bil-kitba (Artikolu 1470 tal-Kodici Civili) u dik ic-cessjoni ghandha tigi maghrfa lid-debitur (is-sid) permezz ta' att gudizzjarju (Artikolu 1471 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 11(1) tal-Kapitolu 199 – ara s-sentenzi fl-ismijiet **Giuseppe Pulis vs Michele Demanuele**, deciza fl-1 ta' Novembru 1994 mill-Qorti tal-Appell, u **Joseph Camilleri et vs Antonio Zammit et** deciza fis-7 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).[14]

Mid-definizzjoni tat-terminu "kerrej" fuq citata, huwa car li wara l-mewt tal-kerrej, l-ewwel precedenza tal-qbiela johodha, il-membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u *"meta ma jkun hemm l-ebda membru bhal dak"*, il-qbiela johodha f'ordni ta' precedenza kull membru tal-familja:

(ii) li jkun legatarju tal-kirja; jew

(iii) li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej kien jghix mal-kerrej; jew

[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

(iv) li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej kien jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih;
(v) ikun il-werriet tal-kerrej.

Minn dan isegwi li ladarba il-kerrej, Giuseppe Vassallo ceda r-raba in kwistjoni lil bintu, il-konvenuta Maria Lourdes Sciberras bi skrittura tat-18 ta' Lulju 1979, hija l-konvenuta Maria Lourdes Sciberras li ghandha l-ewwel precedenza li r-raba' jinqaleb fuq isimha.

Fl-avviz odjern, l-attur qed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu fuq il-fatt li l-istess raba' thalla lilu bi prelegat mill-kerrej, u cioe. Giuseppe Vassallo. Pero dan ipoggieh fit-tieni post tal-ordni ta' preferenza stabbilit mil-ligi ta' kif ghandha tinqaleb il-qbiela.

Kif inghad, wara l-mewt tal-kerrej, l-ewwel precedenza ghal qbiela hija lic-cessjonarju, f'dan il-kaz il-konvenuta Maria Lourdes Sciberras. Ic-cessjoni saret bi skrittura privata quddiem nutar ai termini tal-Artikolu 1470 tal-Kodici Civili. Huwa vera li mill-atti ma jirrizultax li c-cessjoni giet notifikata lill-konvenut Alfred Farrugia nomine b'att gudizzjarju, pero mix-xhieda ta' Dottor Pawlu Mallia, assessur tal-Kurja, jirrizulta li hu kien lest li jirrikonoxxi lill-konvenuta bhala kerrejja ta-raba' in kwistjoni, kieku ma kienx hemm il-kontestazzjoni tal-attur. Dan ifisser li l-Kurja kienet irrinunzjat ghad-dritt taghha li tigi notifikata bic-cessjoni b'att gudizzjarju.

Fi kwalunkwe kaz, una volta l-kerrej, Giuseppe Vassallo kien b'att ta' volonta' libera tieghu ceda r-raba' in kwistjoni lill-konvenuta bintu, hu ma kienx liberu li sussegwement jerga' jiddisponi minn din l-istess raba' permezz ta' prelegat favur l-attur fit-testment tieghu, anke jekk l-attur hu membru tal-familja tieghu. Indubbjament, il-prelegat fit-testment

favur l-attur ma seta' bl-ebda mod jippregudika l-jeddijiet li l-konvenuta kienet akkwistat fil-ftehim precedenti mal-kerrej missierha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta tissottometti li l-ghalqa ta' Lotlot, li thalliet bhala prelegat lill-attur u r-raba tas-Salvatur li gie cedut lilha, huma zewg bicciet art differenti minn xulxin. Apparti mill-fatt li ma jistghux jigu sollevati eccezzjonijiet godda fin-nota ta' sottomissjonijiet,[15] fi kwalunkwe kaz, dan ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi. Apparti mix-xhieda kontradittorja tal-attur, kif diga inghad aktar il'fuq, diversi drabi fix-xhieda taghha, il-konvenuta tghid li ir-raba' maghruf "Tal-Lotlot" u dak maghruf bhala "Tas-Salvatur" huma l-istess haga. Pero, biex ikun inghad kollox Dottor Pawlu Mallia, l-avukat tal-Kurja xehed li ma rrizultalux li l-Ghalqa tas-Salvatur kienet tissejjah ukoll "Ta' Lotlot".[16]

Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li missieru kien qasam l-art li kellu bi qbiela fost l-ahwa fl-1974. Huwa jghid hekk: *"Il-qsim ta' l-art sar bil-miktub; cioe missieri kien ghamel kitba iffirmata minnu, quddiem, bhala xhud, certu Pace, illum mejjet. Missieri biss, apparti x-xhud, kien iffirma; la jien u lanqas ommi ma iffirmajna. F'seduta ohra nesebixxi kopja tal-iskrittura. Sussegwentement, jiena u missieri morna l-Ghammieri u r-raba' dawwarnieh fuq il-biljett tieghi. Lil missieri kont tajtu somma flus indikata fl-iskrittura."* [17] Din l-allegata skrittura ta' cessjoni tal-1974 qatt ma giet ezebita mill-attur. Huwa interessanti li meta miet

---

[15] Ara sentenza deciza fis-7 ta' Dicembru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** u sentenza **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri).

[16] Ara xhieda ta' Dottor Pawlu Mallia a fol. 56 tal-process tal-Avviz 477/89.

[17] Ara xhieda tal-attur a fol 43-44 u fol. 70 tal-process tal-Avviz 477/89.

missieru, l-attur ma tax lil Kurja din l-allegata skrittura ta' cessjoni tal-1974, izda tahom minflok skrittura ta' cessjoni tal-1980, li Dottor Pawlu Mallia, l-assessur tal-Kurja, ma irritenihiex valida u l-attur lanqas ezebiha f'dawn il-proceduri, ghalkemm ghamel riferenza ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet. Issa f'din il-kawza, l-attur qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-qbiela tar-raba' in kwistjoni abbazi tal-prelegat mholli lilu fit-testment ta' missieru. Huwa ovvju li l-attur kien kull darba ibiddel il-*goalposts* sabiex forsi jirnexxielu li l-qbiela tar-raba' in kwistjoni iddur fuqu.

In oltre fl-opinjoni tal-Qorti huwa rrelevanti li l-attur kien registrat bhala l-bidwi fuq din ir-raba' mill-1974 u 1975, u dan ghaliex fl-ewwel lok hemm annotazzjoni fir-registru tal-Ghammieri li r-raba' qed jinhadem ukoll minn hutu, inkluza l-konvenuta Maria Lourdes Sciberras. Fit-tieni lok, ir-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, issir biss ghall-finijiet ta' amministrazzjoni tar-raba' mill-istess Dipartiment. Il-kwistjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-qbiela, inkluz il-kwistjoni ta' min jiret il-qbiela f'kaz ta' mewt tal-kerrej hija regolata, esklussivament mill-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tinoltra ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Maria Lourdes u Joseph konjugi Sciberras, li c-citazzjoni hija nulla ghaliex l-attur m'ghamilx kawza sabiex jigi immess fil-pussess tal-prelegat tar-raba' in kwistjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Maria Lourdes Sciberras u ta' Nicholas, Antoinette u Maria Sciberras, eredi tal-mejjet konvenut Joseph Sciberras;

2. Tilqa' limitatament t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuti Maria Lourdes Sciberras u ta' Nicholas, Antoinette u Maria Sciberras, eredi tal-mejjet konvenut Joseph Sciberras, izda tichad dik il-parti tat-tieni eccezzjoni fejn il-konvenuti jghidu testwalment *"u b'hekk kienu hargu l-ircevuti relattivi"*.

Tichad it-talbiet kollha tal-atturi Gerolomo sive Jimmy u Maria Nicholina sive Marie Colette ahwa Vassallo, li assumew l-atti wara l-mewt ta' missierhom l-attur John Vassallo, bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**